MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 104/2011/1

**Bank of Valletta p.l.c.**
**v.**

**Travellers Lodge Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. tas-6 ta' April, 2011, li permezz tieghu, ai termini tal-Artikolu 266 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talab li din il-Qorti tiddikjara ezegwibbli provvizorjament is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2011 (Rikors numru 427/10) fl-ismijiet premessi;

Rat ir-risposta tas-socjeta` Travellers Lodge Company Limited, fejn opponiet it-talba tal-Bank of Valletta p.l.c;

Rat il-verbal tal-lum fejn jirrizulta li Dr. Martin Fenech ghall-intimat talab li jipproduci bhala xhud lin-Nutar Antoine Agius biex jipproduci kopja ta' skrittura ta' lokazzjoni bejn Travellers Lodge Company Limited u ACT Operators Limited in sostenn tal-pregudizzju li l-istess intimat ser ibati;

Rat li r-rikorrent, permezz tad-difensur tieghu, oppona din it-talba;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kemm fuq din it-talba kif ukoll fuq il-meritu tar-rikors promotur;

Tipprovdi:

A) Fl-ewwel lok <u>tichad</u> it-talba ghall-produzzjoni ta' xhieda peress illi s-socjeta` ACT Operators Limited mhux parti in kawza u r-rikors ghall-esekuzzjoni provvizorja huwa indirizzat biss lejn Travellers Lodge Company Limited, li allegatament qed tokkupa l-fond bla titolu; ghalhekk, kull relazzjoni bejn Travellers Lodge Company Limited u terzi hija *res inter alios acta*;

B) <u>Tilqa'</u> r-rikors tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. tas-6 ta' April, 2011, billi tiddikjara esegwibbli provizorjament is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2011, billi jirrizulta li l-pregudizzju tal-bank rikorrent huwa akbar minn dak tal-intimat jekk it-talba tigi michuda, u ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors li din il-Qorti tikkondividi.

Spejjez ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------